

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1329

tad-29 ta' Ġunju 2023

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-gliċerol (E 422), għall-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) u għall-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 14 tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati biex jintużaw fl-ikel u l-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽³⁾ jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (3) Il-listi tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel u l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu aġġornati f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li tkun saret applikazzjoni.
- (4) Il-gliċerol (E 422), l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) u l-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) huma sustanzi awtorizzati f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (5) Fil-15 ta' Marzu 2017, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ħarġet opinjoni xjentifika dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-gliċerol (E 422) bħala addittiv tal-ikel ⁽⁴⁾, fejn ikkonkludiet li ma kienx hemm bżonn ta' konsum aċċettabbli ta' kuljum numeriku, u li ma kien hemm l-ebda tħassib dwar is-sikurezza tal-addittiv tal-ikel għall-użi rrapportati. L-Awtorità rrakkomandat xi modifiki fl-ispeċifikazzjonijiet għall-E 422 stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012 u li tingħatalha aktar informazzjoni dwar l-użi u l-livelli tal-użu.
- (6) Fit-23 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni nediet sejħa pubblika għal *data* teknika dwar l-addittiv tal-ikel gliċerol (E 422), u speċifikat id-*data* meħtieġa identifikata mill-Awtorità.
- (7) Wara l-preżentazzjoni tad-*data* mill-operaturi kummerċjali interessati, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tipprovdi opinjoni xjentifika biex tikkonferma li d-*data* teknika pprovduta mill-operaturi kummerċjali interessati kienet suffiċjenti biex tappoġġa emenda fl-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel, il-gliċerol (E 422), biex jinġiebu f'konformità mal-istandards attwali, kif kienet irrakkomandat l-Awtorità.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.⁽²⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).⁽⁴⁾ EFSA Journal 2017;15(3):4720.

- (8) Fl-opinjoni xjentifika tagħha adottata fit-18 ta' Mejju 2022 ⁽⁵⁾, l-Awtorità kkonkludiet li l-ispeċifikazzjonijiet attwali għall-gliċerol (E 422) kellhom jiġu adattati b'mod partikolari billi jitbaxxew il-limiti massimi għall-elementi tossiċi (arseniku, ċomb, merkurju u kadmju), billi jitħassar il-metodu ta' identifikazzjoni bbażat fuq il-formazzjoni tal-akroleina mat-tisħin, billi jitħassar it-test għall-preżenza tal-akroleina, billi jiġi inkluż limitu massimu għall-akroleina u billi tiġi mmodifikata d-definizzjoni tal-gliċerol (E 422).
- (9) Għalhekk jixraq li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet għall-gliċerol (E 422). Jenħtieġ li d-definizzjoni tal-addittiv tal-ikel tiġi emendata biex tkun ristretta għall-proċessi tal-manifattura li dwarhom kienet invallutat id-*data* l-Awtorità. Jenħtieġ li jitbaxxew il-limiti massimi attwali għall-elementi tossiċi f'konformità mal-opinjoni xjentifika tal-Awtorità, filwaqt li jitqiesu l-livelli li jistgħu jinkisbu fil-preżent billi tintuża prattiki tajba ta' manifattura. Jenħtieġ li jitħassar il-metodu ta' identifikazzjoni għall-gliċerol ibbażat fuq il-formazzjoni tal-akroleina mat-tisħin, meta wieħed iqis li l-kontenut tal-gliċerol fl-E 422 għandu jiġi ddeterminat b'metodu analitiku xieraq. Jenħtieġ li jitħassar it-test għall-preżenza tal-akroleina u li jiġi inkluż limitu numeriku massimu għall-akroleina bi qbil mal-opinjoni xjentifika tal-Awtorità u filwaqt li jitqies il-livell li bħalissa jista' jinkiseb bl-applikazzjoni ta' prattiki tajba ta' manifattura.
- (10) Meta jitqies li l-Awtorità ma identifikatx tħassib immedjat dwar is-saħħa marbut mal-preżenza ta' elementi tossiċi u l-akroleina, huwa xieraq li matul perjodu tranżizzjonali jiġi permess l-użu tal-addittiv tal-ikel, il-gliċerol (E 422), imqiegħed fis-suq legalment qabel id-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (11) Għall-istess raġunijiet, huwa xieraq li l-ikel li jkun fih l-addittiv tal-ikel, il-gliċerol (E 422), li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel id-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikun jista' jkompli jitqiegħed fis-suq għal perjodu tranżizzjonali u jibqa' fis-suq sad-*data* ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-*data* sa meta jista' jintuża l-aħħar".
- (12) Fl-20 ta' Diċembru 2017, l-Awtorità ħarġet opinjoni xjentifika dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) bħala addittiv tal-ikel ⁽⁶⁾, li kkonkludiet li ma kienx hemm bżonn ta' konsum aċċettabbli ta' kuljum numeriku u li l-addittiv tal-ikel ma kien ta' ebda tħassib għas-sikurezza bl-użi u bil-livelli tal-użu rrapportati. L-Awtorità rrakkomandat xi modifiki fl-ispeċifikazzjonijiet għall-E 475 stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012.
- (13) Fit-23 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni nediet sejħa pubblika għal *data* teknika dwar l-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475), li kellha fil-mira d-*data* meħtieġa identifikata mill-Awtorità.
- (14) Wara l-preżentazzjoni tad-*data* mill-operaturi kummerċjali interessati, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tipprovdi opinjoni xjentifika biex tikkonferma li d-*data* teknika pprovduta mill-operaturi kummerċjali interessati kienet suffiċjenti biex tappoġġa emenda fl-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) biex jinġiebu f'konformità mal-istandards attwali, kif irrakkomandat mill-Awtorità.
- (15) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, adottata fl-1 ta' April 2022 ⁽⁷⁾, l-Awtorità kkonkludiet li l-ispeċifikazzjonijiet attwali għall-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) kellhom jiġu adattati b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-limiti massimi għall-elementi tossiċi, billi jiġu inklużi l-limiti massimi għall-impuritajiet u l-kostitwenti li huma ta' tħassib għas-sikurezza u billi tiġi mmodifikata d-definizzjoni tal-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475).
- (16) Għalhekk huwa xieraq li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet għall-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475). Id-definizzjoni tal-addittiv tal-ikel jenħtieġ li tiġi emendata sabiex l-użu tal-gliċerol għall-produzzjoni tal-addittiv tal-ikel jiġi ristrett għall-gliċerol li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel (E 422). Il-limiti massimi attwali għall-elementi tossiċi jenħtieġ li jitnaqqsu u l-limiti massimi għat-total ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esteri tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin (espressi bħala 3-MCPD), għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) u għall-aċidu eruċiku jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-opinjoni xjentifika tal-Awtorità u filwaqt li jitqies il-livell li bħalissa jista' jinkiseb bl-applikazzjoni ta' prattiki tajba ta' manifattura.

⁽⁵⁾ EFSA Journal 2022;20(6):7353.

⁽⁶⁾ EFSA Journal 2017;15(12):5089.

⁽⁷⁾ EFSA Journal 2022;20(5):7308.

- (17) Minħabba li qegħdin jiġu implimentati tekniki ġodda ta' manifattura li jirriżultaw fil-produzzjoni tal-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) b'livelli aktar baxxi ta' esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol), huwa xieraq li l-manifatturi tal-addittivi tal-ikel jingħataw perjodu tranżizzjonali biex jilhqgħu livell massimu ta' 5 mg/kg għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) fl-addittiv tal-ikel (E 475). Madankollu, minħabba li l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin huma ġenotossiċi u karċinoġeniċi, jenhtiegħ li japplika livell massimu intermedju ta' 10 mg/kg għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (18) Meta jitqies li l-Awtorità ma identifikatx tħassib immedjat dwar is-saħħa relatat mal-preżenza tal-elementi tossiċi, 3-monokloropropandiol (3-MCPD), l-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin, l-aċidu eruċiku u l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin, huwa xieraq li jiġi permess għal perjodu tranżizzjonali l-użu tal-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) li tqiegħed fis-suq legalment qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li jkun permess li l-ikel li jkun fih dan l-addittiv, ikompli jitqiegħed fis-suq għall-istess perjodu tranżizzjonali u jibqa' fis-suq sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".
- (19) Għall-istess raġunijiet u meta jitqies il-kontenut imnaqqas fih ta' esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin, l-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) imqiegħed legalment fis-suq wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li jikkonforma mal-livell massimu intermedju mnaqqas għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) jenhtiegħ li jitħalla jintuża sakemm jispiċċaw l-istokkijiet, u l-ikel li jkun fih dan l-addittiv tal-ikel jenhtiegħ li jitħalla jitqiegħed fis-suq u jibqa' fis-suq sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".
- (20) Fl-24 ta' Marzu 2017, l-Awtorità ħarġet opinjoni xjentifika dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) bħala addittiv tal-ikel ⁽⁸⁾. L-Awtorità kkonkludiet li s-sett ta' data ta' raġuni biex jiżjed il-konsum aċċettabbli ta' kuljum għal 25 mg/kg bw kuljum. L-Awtorità rrakkomandat xi modifiki għall-ispeċifikazzjonijiet tal-E 476 stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012.
- (21) Fit-23 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni nediet sejħa pubblika għal data teknika dwar l-addittiv tal-ikel poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476), li kellha fil-mira d-data identifikata bħala meħtieġa mill-Awtorità.
- (22) Fit-18 ta' Marzu 2020, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) bħala emulsjonant fis-silġ li jittiekel għall-emulsjoni tax-xaħam u taż-żejt tat-tip ilma fiż-żejt u z-zlazi emulsifikati b'kontenut ta' xaħam ta' aktar minn 20 %. Sussegwentement, il-Kummissjoni qegħdet l-applikazzjoni għad-disponibbiltà tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (23) Il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) huwa kapaċi jipproduċi emulsjonijiet stabbli ta' ilma fiż-żejt bi qtar ta' daqsijiet iżgħar li jistgħu jiġu ffriżati biex jipproduċu silġ artab, kremuż u li jittiekel li jehtiegħ inqas enerġija fil-proċess tal-manifattura u li jkollu aktar stabbiltà fil-katina tal-provvista tal-oġġetti ffriżati. Dan jippermetti l-użu ta' xaħmijiet u żjut b'saturazzjoni baxxa u b'inqas zokkor fis-silġ li jittiekel. Il-livell tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) mehtiegħ biex tinkiseb il-funzjoni teknoloġika maħsuba huwa 4 000 mg/kg.
- (24) Il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) jippermetti wkoll li jitnaqqas iż-żejt fiż-zlazi emulsifikati (eż. fil-mayonnaise jew fit-taħlitiet għal fuq l-insalata) mingħajr effett negattiv fuq is-sensazzjoni fil-ħalq. Il-livell massimu awtorizzat attwalment ta' 4 000 mg/kg mhuwiex biżżejjed għal prodotti b'kontenut ta' xaħam ta' aktar minn 20 %. Il-livell ta' użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) mehtiegħ biex tinkiseb il-funzjoni teknoloġika maħsuba fi prodotti b'kontenut ta' xaħam ta' aktar minn 20 % huwa ta' 8 000 mg/kg.
- (25) Wara l-preżentazzjoni tad-data mill-operaturi kummerċjali interessati b'rispons għas-sejħa pubblika għad-data teknika u l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni dwar l-estensjoni tal-użu tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476), il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tipprovdi opinjoni xjentifika biex tikkonferma li d-data teknika pprovduta mill-operaturi kummerċjali interessati kienet tappoġġa b'mod adegwat emenda fl-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel, il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476), biex jinġiebu f'konformità mal-istandards attwali, kif irrakkomandat mill-Awtorità.

⁽⁸⁾ EFSA Journal 2017;15(3):4743.

- (26) Fl-opinjoni xjentifika tagħha adottata fit-30 ta' Marzu 2022 ⁽⁹⁾, l-Awtorità kkonkludiet li l-estensjoni tal-użu proposta ma twassalx għal tħassib dwar is-sikurezza. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-ispeċifikazzjonijiet attwali għall-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) kellhom jiġu adattati b'mod partikolari billi jitbaxxew il-limiti massimi għall-elementi tossiċi, billi jiġu inklużi l-limiti massimi għall-impuritajiet li huma ta' tħassib għas-sikurezza u billi tiġi mmodifikata d-definizzjoni tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476).
- (27) Għalhekk jixraq li l-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) jiġi awtorizzat fil-kategorija tal-ikel 03 "Silġ li jittiekel" b'livell massimu ta' 4 000 mg/kg, jiżdied il-livell massimu awtorizzat fil-kategorija tal-ikel 12.6 "Żlazi" għal 8 000 mg/kg għaż-żlazi emulsifikati b'kontenut ta' xaħam ta' 20 % jew aktar u jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu fid-dawl tal-opinjoni xjentifika tal-Awtorità. Id-definizzjoni tal-addittiv tal-ikel jenħtieġ li tiġi emendata sabiex l-użu tal-gliċerol għall-produzzjoni tal-addittiv tal-ikel jiġi ristrett għall-gliċerol li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel (E 422). Jenħtieġ li jitbaxxew il-limiti massimi attwali għall-elementi tossiċi u jenħtieġ li l-limiti massimi għat-total ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esterji tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin (espressi bħala 3-MCPD) u ta' esterji gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) jiġu stabbiliti f'konformità mal-opinjoni xjentifika tal-Awtorità u filwaqt li jitqies il-livell li bħalissa jista' jinkiseb bl-applikazzjoni ta' prattiki tajba ta' manifattura.
- (28) Meta jitqies li l-Awtorità ma identifikatx tħassib immedjat dwar is-saħħa relatat mal-preżenza tal-elementi tossiċi, 3-monokloropropandiol (3-MCPD), l-esterji tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin u esterji gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin, jixraq li jiġi permess għal perjodu tranżizzjonali l-użu tal-addittiv tal-ikel il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) li tqiegħed fis-suq legalment qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (29) Għall-istess raġunijiet, jixraq li l-ikel li jkun fih l-addittiv tal-ikel poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikun jista' jkompli jitqiegħed fis-suq għal perjodu tranżizzjonali u jibqa' fis-suq sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".
- (30) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 jiġu emendati skont dan.
- (31) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-addittiv tal-ikel il-gliċerol (E 422) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel l-20 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju jew għall-akroleina applikabbli mill-20 ta' Lulju 2023 jista' jiżdied mal-ikel f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sal-20 ta' Jannar 2024.

L-ikel li fih l-addittiv tal-ikel il-gliċerol (E 422) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel l-20 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju jew għall-akroleina applikabbli mill-20 ta' Lulju 2023 jista' jkompli jitqiegħed fis-suq sal-20 ta' Jannar 2024 u jista' jkompli jiġi kkommerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

⁽⁹⁾ EFSA Journal 2022;20(5):7294.

L-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel l-20 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju, għat-total ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin (espressi bħala 3-MCPD), għall-aċidu eruċiku jew għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) applikabbli mill-20 ta' Lulju 2023 jista' jiżdied mal-ikel f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sal-20 ta' Jannar 2024.

L-ikel li fih l-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel l-20 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju, għat-total ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin (espressi bħala 3-MCPD), għall-aċidu eruċiku jew għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) applikabbli minn l-20 ta' Lulju 2023 jista' jkompli jitqiegħed fis-suq sal-20 ta' Jannar 2024 u jista' jkompli jiġi kkummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

L-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) li jkun tqiegħed fis-suq legalment wara l-20 ta' Lulju 2023 u sal-20 ta' Jannar 2024 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) applikabbli mill-20 ta' Jannar 2024 jista' jiżdied mal-ikel f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

L-ikel li fih l-addittiv tal-ikel l-esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin (E 475) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel l-20 ta' Lulju 2023 u sal-20 ta' Jannar 2024 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) applikabbli mill-20 ta' Jannar 2024 jista' jkompli jitqiegħed fis-suq u jkompli jiġi kkummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

L-addittiv tal-ikel il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel l-20 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju, għat-total ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin (espressi bħala 3-MCPD), jew tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) applikabbli minn l-20 ta' Lulju 2023 jista' jiżdied mal-ikel f'konformità mal-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sal-20 ta' Jannar 2024.

L-ikel li fih l-addittiv tal-ikel il-poliriċinoleat tal-poligliċerol (E 476) li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel l-20 ta' Lulju 2023 u li ma jikkonformax mal-limiti massimi għall-arseniku, għaċ-ċomb, għall-merkurju, għall-kadmju, għat-total ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi xaħmin (espressi bħala 3-MCPD) jew tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol) applikabbli minn l-20 ta' Lulju 2023 jista' jkompli jitqiegħed fis-suq sal-20 ta' Jannar 2024 u jista' jkompli jiġi kkummerċjalizzat sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew "id-data sa meta jista' jintuża l-aħħar".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

(1) fil-Kategorija 03 (Silġ li jittiekel), tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata tal-E 473-474:

	"E 476	Poliriċinoleat tal-poligliċerol	4 000		ħlief is-sorbets"
--	--------	---------------------------------	-------	--	-------------------

(2) fil-Kategorija 12.6 (Zlazi), l-entrata tal-E 476 (Poliriċinoleat tal-poligliċerol) hija sostitwita b'din li ġejja:

	"E 476	Poliriċinoleat tal-poligliċerol	4 000		zlazi emulsifikati b'konnut ta' xaħam inqas minn 20 % biss
	E 476	Poliriċinoleat tal-poligliċerol	8 000		zlazi emulsifikati b'konnut ta' xaħam inqas minn 20 % jew aktar, biss"

ANNEX II

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 422 Gliċerol hija sostitwita b'din li ġejja:

"E 422 GLIĊEROL

Sinonimi	Glicerin; Glicerina
Definizzjoni	Il-gliċerol jinkiseb biss miż-żjut u x-xaħmijiet veġetali, direttament jew mill-gliċerol grezz li jinkiseb bħala prodott sekondarju mill-produzzjoni tal-bijodiżil u jsirulu proċessi ta' purifikazzjoni li jinvolve d-distillazzjoni u passi oħra ta' tindif biex jinkiseb il-gliċerol irfinut.
Einecs	200-289-5
Isem kimiku	1,2,3-propantriol; Gliċerol; Triidrossipropan
Formola kimika	$C_3H_8NO_3$
Piż molekulari	92,10
Assaġġ	Kontenut ta' gliċerol mhux inqas minn 98 % fuq il-bażi anidra
Deskrizzjoni	Likwidu b'konsistenza ta' ġulepp igroskopiku trasparenti, bla kulur, b'riħa karatteristika ħafifa li mhijiex ħarxa jew oġġezzjonabbli
Identifikazzjoni	
Densità relattiva (25 C/25 C)	Mhux inqas minn 1,257
Indiċi rifrattiv	$[n]_D^{20}$ bejn 1,471 u 1,474
Purità	
Kontenut ta' ilma	Mhux iktar minn 5 % (il-metodu Karl Fischer)
Irmied sulfat	Mhux iktar minn 0,01 % ddeterminat fi 800 ± 25 °C
Butanetrioli	Mhux iktar minn 0,2 %
Akrolein	Mhux aktar minn 3 mg/kg
Aċidi xaħmin u esteri	Mhux aktar minn 0,1 % ikkalkulat bħala aċidu butiriku
Komposti klorinati	Mhux aktar minn 30 mg/kg (bħala koru)
3-Monokloropropan-1,2-diol (3-MCPD)	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Arseniku	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Kadmju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg

(2) l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 475 Esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin hija sostitwita b'din li ġejja:

"E 475 ESTERI TAL-POLIGLIĊEROL TAL-AĊIDI XAĦMIN

Sinonimi	Esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmija; Aċidu xaħmi tal-esteri tal-poligliċerol
Definizzjoni	L-esteri tal-poligliċerol xaħmin jiġu prodotti permezz tal-esterifikazzjoni tal-poligliċerol ma' xaħmijiet u żjut tal-ikel jew mal-aċidi xaħmin li jinsabu fix-xaħmijiet u fiż-żjut tal-ikel. Is-sehem tal-poligliċerol huwa b'mod predominanti di-, tri- u tetraglicerol u ma fihx aktar minn 10 % ta' poligliċeroli ugwali għall-eptaglicerol jew iżjed. Il-poligliċerol huwa prodott minn gliċerol li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet għall-E 422.
Einecs	
Isem kimiku	
Formola kimika	
Piż molekulari	
Assaġġ	Kontenut ta' esterj tal-aċidi xaħmin mhux inqas minn 90 %
Deskrizzjoni	Likwidi żejtnin sa viskużi ħafna li jvarjaw fil-kulur bejn isfar ċar u ambra; plastiks jew solidi li jvarjaw fil-kulur minn kulur il-ġlud ikkonsati ħafif sa kannella medju; u solidi xemghin ibsin kannella
Identifikazzjoni	
Test għall-gliċerol	Jgħaddi mit-test
Test għall-poligliċeroli	Jgħaddi mit-test
Test għall-aċidi xaħmin	Jgħaddi mit-test
Solubbiltà	L-esteri jvarjaw minn idrofiliċi ħafna sa lipofiliċi ħafna, iżda bħala klassi għandhom tendenza li jkunu dispersibbli fl-ilma u solubbli fis-solventi u fiż-żjut organiċi
Purità	
Irmied sulfatat	Mhux iktar minn 0,5 % (800 ± 25 °C)
Aċidi li mhumiex aċidi xaħmin	Inqas minn 1 %
Aċidi xaħmin ħielsa	Mhux aktar minn 6 % ikkalkulat bħala aċidu olejku
Total ta' gliċerol u poligliċerol	Mhux inqas minn 18 % iżda mhux iktar minn 60 %
Gliċerol u poligliċerol ħielsa	Mhux iktar minn 7 %
Arseniku	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 0,3 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg

Kadmju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u 3-MCPD esteri tal-aċidi xaħmin, espressi bħala 3-MCPD	Mhux aktar minn 2,5 mg/kg
Esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin, espressi bħala gliċidol	Mhux aktar minn 10 mg/kg Dan japplika mill-20 ta' Lulju 2023 sal-20 ta' Jannar 2024. Mhux aktar minn 5 mg/kg Dan japplika mill-20 ta' Jannar 2024.
Aċidu eruċiku	Mhux iktar minn 2 %

Il-kriterji tal-purità japplikaw għall-addittiv ħieles mill-imlieh tas-sodju, tal-potassju u tal-kalċju tal-aċidi xaħmin, iżda dawn is-sustanzi jistgħu jkunu preżenti sa livell massimu ta' 6 % (espressi bħala oleat tas-sodju).";

(3) l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 476 Poliriċinoleat tal-poligliċerol hija sostitwita b'din li ġejja:

"E 476 POLIRIĊINOLEAT TAL-POLIGLIĊEROL

Sinonimi	Esteri tal-gliċerol tal-aċidi xaħmin taż-żejt ir-riġnu kkondensat; Esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin polikondensati taż-żejt ir-riġnu; Poliriċinoleat tal-poligliċerol; PGPR
Definizzjoni	Il-poliriċinoleat tal-poligliċerol jiġi ppreparat permezz tal-esterifikazzjoni tal-poligliċerol ma' aċidi xaħmin taż-żejt ir-riġnu kkondensat. Iż-żejt ir-riġnu li jintuża għall-produzzjoni tal-poliriċinoleat tal-poligliċerol huwa ħieles mir-riċin. Il-poligliċerol huwa prodott minn gliċerol li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet għall-E 422.
Einecs	
Isem kimiku	
Formola kimika	
Piż molekulari	
Assaġġ	
Deskrizzjoni	Likwidu trasparenti viskuż ħafna
Identifikazzjoni	
Solubbiltà	Mhuwiex solubbli fl-ilma u fl-etanol; huwa solubbli fl-etere, fl-idrokarburi u fl-idrokarburi aloġenati
Test għall-gliċerol	Jgħaddi mit-test
Test għall-poligliċeroli	Jgħaddi mit-test
Test għall-aċidu riċinoleiku	Jgħaddi mit-test
Indiċi rifrattiv	$[n]_D^{65}$ bejn 1,4630 u 1,4665
Purità	
Poligliċeroli	Is-sehem tal-poligliċerol għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn 75 % di-, tri- u tetragliceroli u għandu jkun fih mhux aktar minn 10 % poligliċeroli ugwali għall-eptaglicerol jew iżjed.
Valur tal-idrossil	Mhux inqas minn 80 u mhux iktar minn 100

Valur tal-aċidu	Mhux iktar minn 6
Arseniku	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Kadmju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg
Is-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u 3-MCPD esteri tal-aċidi xaħmin (espressi bħala 3-MCPD)	Mhux aktar minn 2,5 mg/kg
Esteri gliċidiliċi tal-aċidi xaħmin (espressi bħala gliċidol)	Mhux aktar minn 1 mg/kg"